## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **591/2024**

## 35˚14˚ CAPITAL SCC P.L.C. (C105417) TAĠIXXI GĦAN-NOM TA' CELL COUROS

**VS**

## MAGED FAWZY SHOKRY ESKANDAR (KI 20947A) U HYAM YAKOUB MESAK GHBRYAL (KI 20953A)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħdax (11) t'Ottubru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' debitu dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimati fl-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€66,445.12), u imgħax ulterjuri mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2024 sad-data tal-pagament effettiv.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2024, is-soċjeta' rikorrenti ppremettiet:

   a. *Illi s-soċjeta' Bank of Valletta plc (C2833) ikkonċediet żewġ (2) faċilitajiet bankarji lill-intimati u cioe lil Maged Fawzy Shokry Eskandar (KI 20947A) u Hyam Yakoub Mesak Ghbryal (KI 20953A), u dan permezz ta' żewġ kuntratti ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores it-tnejn datati l-31 ta' Mejju 2017 (kopja ta' liema qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok M1**' u '**Dok M2**' rispettivament);*

   b. *Illi l-intimati kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom skont it-termini u kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji surreferiti, tant illi waqgħu morużi fil-pagamenti. Għaldaqstant, l-intimati tilfu il-benefiċċju li jħallsu s-self fuq medda ta' żmien, u għalhekk l-ammont ġie kollu dovut;*

   c. *Illi b'effett mit-18 ta' Diċembru 2023, is-soċjeta' rikorrenti akkwistat id-drittijiet, it-titoli, l-interessi u l-benefiċċji kollha fil-konfront tal-intimati mingħand is-soċjeta' Bank of Valletta plc (C 2833), liema trasferiment seħħ skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Securitisation, Kap 484 tal-Liġijiet ta' Malta. In linea tal-artikolu 13 tal-istess Att, is-soċjeta' Bank of Valletta plc (C 2833) infurmat b'dan it-trasferiment lill-intimati pemezz tal-ittra li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok M3**';*

   d. *Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lill-intimati għall-ħlas tal-ammont dovut minnhom permezz tal-ittra uffiċjali datata l-5 t'April 2024 bin-numru ta' referenza 1618/2024 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok M4**');*

   e. *Illi preżentement l-ammont dovut mill-intimati jammonta għas-somma ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€ 66,445.12) rappreżentanti in kwantu l-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf, seba' mija, tlieta u tletin Ewro u sebgħa u disgħin*

*ċenteżmu (€ 55,733.97) bħala kapital, u l-ammont ta' għaxart elef, seba' mija u ħdax-il Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 10,711.15) imgħax sad-29 ta' Mejju 2024 li jibqa' jiddekorri bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) sad-data tal-pagament effettiv. Kopja tal-istatements of account bin-numru 40024417859 u 4024290694 qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok M5**' u '**Dok M6**' rispettivament;*

f. *Illi in kawtela tal-ammont dovut, is-soċjeta' rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-intimati fl-istess ismijiet, liema mandat iġib in-numru 803/2024 u ġie akkordat nhar id-9 ta' Mejju 2024;*

g. *Illi minkejja illi l-ammont dovut mill-intimati fl-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€ 66,445.12) huma xorta waħda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

h. *Illi l-intimati huwa konsapevoli minn dawn il-fatti u m'għandhom l-ebda difiża x'jagħtu għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;*

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara li l-intimati kisru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjeta' Bank of Valletta plc;*

ii. *Tiddikjara li l-intimati huma debituri veru, ċert, u likwidu tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€ 66,445.12), bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-29 ta' Mejju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

iii. *Tordna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€ ż66,445.12), bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-29 ta' Mejju 2024 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1618/2024, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 80483/2024* (sic) *kontra l-intimati.*

4. Permezz ta' digriet datat tnax (12) ta' Ġunju 2024, il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenuti u kkonċediet terminu ta' għoxrin (20) jum illi fihom kellha tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata, filwaqt illi appuntat il-kawża għal-ewwel dehra għall-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024;

5. Il-konvenuti, debitament notifikati bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ, ippreżentaw nota nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024 illi permezz tagħha ammettew għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi.

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti, u d-dokumenti annessi magħha;

7. Rat illi l-konvenuti dehru waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024 u rreġistraw ammissjoni għat-talbiet attriċi billi ppreżentaw u qraw nota t'ammissjoni kif titlob il-liġi;

8. Rat illi l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Stante l-ammissjoni da parti tal-konvenuti għat-talbiet attriċi, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.

**Decide**

11. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' attriċi, u tiddikjara illi l-intimati kisru t-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji maħruġa mis-soċjeta' Bank of Valletta plc;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€66,445.12), bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tad-29 ta' Mejju 2024 sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** tas-soċjeta' attriċi u tordna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sitta u sittin elf, erba' mija, ħamsa u erbgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€66,445.12) bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-29 ta' Mejju 2024 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, tal-ittra uffiċjali bin-numru 1618/2024, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 803/2024 intavolat mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati, a karigu tal-istess intimati.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**